MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1213/2008/1

**Avukat Simon Tortell, debitament awtorizzat, in rapprezentanza tal-kumpanija esterna Chonghaejin Marine Co. Ltd.**

**v.**

**G.S. Specialist Vehicles Ltd u ghal kull interess li jista' jkollhom: George Smith, Gladys Smith, Stephen Smith u Waterbus International Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mir-rikorrent nomine fit-3 ta' Dicembru 2008 li jaqra hekk:

"Bis-sahha ta' ftehim datat 1 ta' Gunju, 2007, sussegwentement modifikat fit-12 ta' Lulju, 2007, ir-rikorrenti noe u l-intimati G.S. Specialist Vehicles Ltd. ftehmu illi din tal-ahhar tikkonsenja hames *amphicoaches cioe` coaches* maghmula sia ghall-uzu tal-art kif ukoll fl-ilma *by the beginning of October 2007*, liema kuntratt u modifika huma hawn annessi u mmarkati Dok. CMC1;
"In konsiderazzjoni ta' dan il-patt, u kif jirrizulta mill-Art. 5 tal-ftehim tal-1 ta' Gunju, 2007, Dok. CMC1, ir-rikorrenti noe hallsu depositu akkont ta' mija u hmistax-il elf Lira Sterlina (GBP 115,000) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u ghoxrin elf Dollaru Amerikan (US $228,000), u l-bilanc kellu jithallas mal-konsenja;

"Fl-Art. 11 tal-modifika datata 12 ta' Lulju, 2007, liema artikolu huwa miktub bl-idejn, gie miftiehem illi r-rikorrenti kellhom ihallsu sa hamsin fil-mija tal-prezz, u fis-16 ta' Lulju, 2007, ir-rikorrenti noe hallsu disa' mija u sitta u tletin elf Dollaru Amerikan (US $936,000), in adempjenza ta' dan il-patt;

"Dan il-pagament sehh wara li r-rikorrenti rebhu *tender* u nghataw il-jedd esklussiv li joperaw *amphibious bus tours* fix-xmara Han li tghaddi minn gewwa nofs Seoul, il-kapitali Koreana, bhala parti minn progett kbir imniedi minn Seoul City Government fl-2006, sabiex jirrivitalizza x-xmara u l-*waterfront* li tmiss maghha;

"L-intimati kienu jafu r-raguni il-ghaliex inxtraw dawn l-*amphicoaches*, tant illi t-tieni preambolu tal-ftehim datat 1 ta' Gunju, 2007, ighid espressament *the Buyer wants to buy the vehicle produced by the Seller and use the vehicle in compliance with the requirements of the Government of Seoul*;

"Ir-rikorrenti noe jafu illi fl-4 ta' Awwissu, 2008, iben George Smith, li jismu Stephen u li jahdem mieghu, ikkostitwixxa kumpanija hawn Malta jisimha Waterbus International Limited, ukoll citata fil-proceduri odjerni, u sa meta gie ntavolat il-Mandat ta' Qbid numru 1884/08 li bih inqabdu diversi *amphicoaches*, kienu biss jissusspettaw

illi dan sehh sabiex G.S. Specialist Vehicles Ltd. u George Smith jeludu l-obbligi kontrattwali taghhom, u ghalhekk Stephen Smith u Waterbus International Limited gew citati f'dan il-gudizzju;

"Il-korrettezza ta' dan is-suspett gie kkonfermat meta l-avukat mandatarju tar-rikorrenti rcieva ittra intimidatorja datata 2 ta' Dicembru, 2008, fuq il-firma ta' Stephen Smith, hawn annessa bhala Dok. CMC2, li fiha *inter alia* jghid:

""*Waterbus International has taken over production and sales of amphibious vehlices…*"

"B'hekk, il-proprjeta` tal-hames *amphicoaches* maqbuda hija ta' G.S. Specialist Vehicles Ltd., il-pussess (qabel gie esegwit il-Mandat ta' Qbid u l-oggetti ghaddew f'idejn il-konsenjatarju) kien f'idejn Waterbus International Limited, li allura *ex-admissis* assumiet l-obbligu tal-produzzjoni tal-imsemmija *amphicoaches*;

"Mill-bidu nett, l-intimati bdew jiddipartixxu mid-data tal-konsenja, u dan kif jirrizulta minn dokument hawn anness u mmarkat CMC3 imsejjah "*Chonghaejin Marine Co. Summary of Events with GSSV*";
"In sintesi d-data tal-konsenja nbidlet kif gej:

""12 ta' Settembru, 2007: G.S. Specialist Vehicles Ltd. qalet illi billi sar "*late deposit* tal-40%" – li skond il-ftehim originali ma kellux isir – l-ewwel zewg "*Amphicoaches*" ikunu lesti fil-hin, izda l-ohrajn jitlestew sa qabel il-Milied;

"10 ta' Ottubru, 2007: Gie rappurtat illi l-vapur li kien qed jittrasporta il-"*Complete bodies (actual buses that are cut to make the Amphicoach*)" mic-Cina, inqabad f'*typhoon*;

"14 ta' Dicembru, 2007: G.S. Specialist Vehicles Ltd. assigurat lir-rikorrenti noe illi l-ewwel zewg "*Amphicoaches*" ikunu lesti sal-14 ta' Jannar, 2008, u t-tlieta l-ohra sal-25 ta' Frar, 2008;

"24 ta' Jannar, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. assigurat lir-rikorrenti noe illi l-ewwel zewg "*Amphicoaches*" ikunu lesti sal-ahhar ta' Frar;

"14 ta' Frar, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. bidlet il-*frame structure* tal-vetturi sabiex takkomoda *windshields* godda mixtrija mic-Cina;

"18 ta' Marzu, 2008: Ferm wara li skada t-terminu ghall-konsenja, G.S. Specialists Vehicles Ltd. talbet pagament iehor ta' US $300,000 u r-rikorrenti noe akkomodaw din it-talba permezz ta' zewg pagamenti maghmulin rispettivament fil-25 u fil-31 ta' Marzu, 2008;

"13 ta' April, 2008: *Sea trials* fuq l-ewwel vettura jfallu minhabba f'difett fil-*cooling system*, li jrid jigi sostitwit;

"23 ta' April, 2008: Seoul City Government hassret il-kuntratt mar-rikorrenti noe;

"30 ta' April, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. assigurat lir-rikorrenti noe li l-ewwel zewg "*Amphicoaches*" ikunu lesti ghall-konsenja fit-8 ta' Mejju, 2008;

"10 ta' Mejju, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. ikkonfermat illi "*shipping via ocean gCMAh to korea for May 20*";

"13 ta' Mejju, 2008: Ir-rikorrenti noe jinsistu illi l-vettura ghandha tigi *shipped* bl-*air conditioning and "sufficiently tested";*

"5 ta' Gunju, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. tinforma lir-rikorrenti noe illi l-vettura tinghata lis-*shippers for loading* fis-16 ta' Gunju;

"13 ta' Gunju, 2008: Il-problema tal-arja kondizzjonata giet risolta;

"16 ta' Gunju, 2008: Prenotazjoni tas-*shipping* issir ghas-27 ta' Gunju;

“26 ta’ Gunju, 2008: Problema fil-*generator*, konness mal-arja kondizzjonata. Konsenjata ritardata;

“28 ta’ Lulju, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. tavza illi l-vapur sejjer jitlaq fid-29 ta’ Lulju, lejn il-Korea, u r-rikorrenti noe jinfurmawhom illi kellha ssir spezzjoni finali u *full load test* sabiex jaccettaw il-konsenja;

“29 ta’ Lulju, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. titlob li tithallas €350,000 ghal kull vettura, flok il-prezz pattwit ta’ € Stg. 230,000;

“1 ta’ Awissu, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. tikkonferma l-htiega li l-kuntratt jigi rinegozjat;

“8 ta’ Awissu, 2008: G.S. Specialist Vehicles Ltd. tinforma lir-rikorrenti noe li m’hemmx cans li l-kuntratt jigi esegwit, u trid tikkonsidra biss il-bejgh tad-drittijiet ghall-Asia, u mhux il-kuntratt iffirmat.

“Qed jigi wkoll anness dokument imsejjah “*Correspondence Highlights*” konsistenti f’riassunt tal-korrispondenza interkorsa bejn il-partijiet li qed tigi mmarkata Dok. CMC4;

“Il-konsenja tal-hames *amphicoaches* ghadha sal-lum ma saritx, u issa l-intimata G.S. Specialist Vehicles Ltd. permezz tad-direttur taghha George Smith, qed tirrifjuta li tikkonsenja dawn il-vetturi, minkejja li sal-lum irceviet akkonti li jammontaw fit-total taghhom ghas-somma ta’ US $1,464,000;

“Dan ir-rifjut ta’ konsenja gie konfermat minn Smith wara laqgha li kellu fis-6 ta’ Novembru, 2008, ma’ Lee Berger, avukat Ingliz li qed jassisti lir-rikorrenti noe;

“F’dik il-laqgha, Smith informa lil Berger illi G.S. Specialist Vehicles Ltd. ma tipproducix il-veikoli, izda l-produzzjoni ssir minn kumpannija ohra li ottjeniet finanzjament ghall-istess produzzjoni kontra xi forma ta’ garanzija fuq l-imsemmija vetturi;

"Lanqas ma jirrizulta car hemmx xi *patent* registrata f'isem xi wiehed mill-intimati;

"Waqt laqgha telefonika fl-4 ta' Awwissu, 2008, bejn Smith li kien Malta u rapprezentanti tar-rikorrenti noe li kienu jinsabu l-Korea, Smith kien qallhom li *secured creditor* kien silifhom is-somma ta' tlett miljun Euro (€3,000,000) izda ma riedux ikomplu jiffinanzjaw billi kien sehh dewmien konsiderevoli u issa dawn il-kredituri bdew jistaqsu hafna domandi, u ghalhekk ma kienux qed ihalluh jeffettwa l-konsenja tal-vetturi billi tilfu hafna flus fuq din il-produzzjoni;

"Qal ukoll illi kellu parir legali illi r-rikorrenti noe ma setghu jaghmlu xejn legalment sabiex jottjenu l-konsenja;

"Waqt il-laqgha ma' Berger tas-6 ta' Novembru, 2008, Smith insista li jirrifjuta li jikkonsenja l-vetturi kif promess, u kien dispost biss jew ibiegh il-jeddijiet intellettwali tieghu ghal SE Asia, u possibilment Awstralja u New Zealand ghas-somma ta' US $4,500,000, flimkien mal-konsenja ta' zewg *amphicoaches* minflok il-hamsa pattwiti, jew jirrifondi l-flejjes imhallsa sa issa mir-rikorrenti noe;

"Ghal din ir-rifjuzjoni, dahal garanti personalment flimkien ma' martu;

"Permezz tal-ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid numru 1884/08 Dok. CMC5, gew maqbuda hames *amphicoaches*, u mghoddija f'idejn konsenjatarju mahtur mid-debitur u accettat mill-Marixxal bhala persuna idonea;

"Ir-rikorrenti noe dejjem insistew, kif ghadhom jinsistu, fuq l-adempjenza u l-ezekuzzjoni – *specific performance* – tal-ftehim datat 1 ta' Gunju, 2007, sussegwentement modifikat fit-12 ta' Lulju, 2007, bil-konsenja tal-hames *amphicoaches* kif pattwit, u ghalhekk in parti qed issir din il-kawza;

"Barra minnhekk, ir-rikorrenti noe sofrew danni naxxenti minn hlas ta' penali lil Seoul City Government, interessi

passivi, spejjez inkorsi f'kiri ta' ajruplani ghall-garr tal-*amphicoaches* li ma gewx konsenjati, telf ta' qliegh rizultat ta' dewmien fil-konsenja, u spejjez u danni ohra, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

"L-Art. 11.4 tal-ftehim Dok. CMC1 tikkonsisti f'klawsola arbitrali, li pero` hija konfuza u inaffidabbli ghaliex taghmel riferenza ghal *International Artbitration Centre*, li minnhom hawn mijiet madwar id-dinja, u ghalhekk qed issir din il-procedura quddiem din l-Onorabbli Qorti;

"Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, ir-rikorrenti noe jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma obbligati jikkonsenjaw hames *amphicoaches* lir-rikorrenti noe, kif pattwit fil-ftehim datat 1 ta' Gunju, 2007, sussegwentement modifikat 12 ta' Lulju, 2007, hawn anness u mmarkat Dok. CMC1;

"2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom sabiex, jekk ikun il-kaz, u fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, u taht is-sorveljanza ta' periti nominandi, jikkompletaw u jikkonsejaw l-imsemmija hames *amphicoaches*, kif pattwit;

"3. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti noe sabiex huma stess jikkompletaw il-hames *amphicoaches*, a spejjez tal-intimati;

"4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma tardivi fil-konsenja ta' hames *amphicoaches*, kif pattwit fil-ftehim datat 1 ta' Gunju, 2007, sussegwentement modifikat fit-12 ta' Lulju, 2007, u konsegwentement ikkagunaw danni lir-rikorrenti noe, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

"5. Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

"6. Tikkundanna lill-intimati jew min minhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru, 2008, u bl-imghax skond il-ligi.

"B'riserva ta' kull azzjoni ohra talvolta spettanti lir-rikorrenti noe."

Rat ir-risposta guramentata ta' G.S. Specialist Vehicles Limited, George Smith u Gladys Smith tat-13 ta' Jannar 2009, li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur noe, u dan *stante* illi, preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni, tisma' jew tiddeciedi din il-kawza *stante* l-klawsola arbitrali kontenuta fi Klawsola 11.4 tal-ftehim anness mar-Rikors Guramentat bhala DOK. CMC1 skond liema klawsola kwalunkwe tilwima bejn l-attur noe u s-socjeta` esponenti G.S. Specialist Vehicles Ltd ghandha tigi determinata minn Tribunal tal-Arbitragg Internazzjonali;

"2. Illi preliminarjament, u ghal kull *buon fini*, din il-Onorabbli Qorti ghandha tiddetermina liema hi l-ligi applikabbli, u dan *stante* li l-Artikolu 11.5 tal-istess ftehim jistipula li "*The Contract shall be governed by International laws*";

"3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti George Smith u Gladys Smith ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju a spejjez tal-attur noe in kwantu kwalsiasi ftehim li seta' sar mill-attur noe sar mas-socjeta` esponenti G.S. Specialist Vehicles Limited kif jirrizulta mid-Dokument CMC1 anness mar-Rikors Guramentat;

"4. Illi *inoltre*, kuntrarjament ghal dak indikat mill-attur noe fil-premessi, l-esponenti George u Gladys Smith fl-ebda moment ma dahlu garanti personalment ghad-dejn

li seta' kellha s-socjeta` esponenti G.S. Specialist Vehicles Limited mal-attur noe, u fi kwalsiasi kaz ghoti ta' garanzija hija nulla jekk ma tirrizultax minn ftehim bil-miktub;

"5. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni intentata mill-attur noe fil-konfront tal-esponenti hija inammissibbli in kwantu l-attur noe qed jitlob l-adempiment f'forma specifika tal-ftehim anness mar-Rikors Guramentat bhala DOK CMC1 meta tali ezekuzzjoni specifika permezz ta' konsenja mitluba mhijiex aktar possibbli ghaliex kif anke jammetti l-istess attur noe fil-premessi tar-Rikors Guramentat minnu mressaq, il-mobbli in kwistjoni kienu gew akkwistati minn Waterbus International Ltd li da parti taghha kienet akkwistathom minghand finanzjaturi Ingliz li kienu mpussessaw ruhhom mill-mobbli msemmija;

"6. Illi fil-mertu t-talbiet tal-attur noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur noe u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"7. Illi l-eccipjenti m'huma responsabbli ghal ebda danni li gew allegatament sofferti mill-attur noe;

"8. Illi fi kwalsiasi kaz, l-attur noe ghandu jressaq prova cara tal-allegati danni li sofra l-attur noe;

"9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta guramentata ta' Stephen Smith u Waterbus International Ltd, ukoll tat-13 ta' Jannar 2009, li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur noe, u dan *stante* illi, preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza tisma' u tiddeciedi din il-kawza, u dan *stante* li skond l-Artikolu 11.4 tal-ftehim anness mar-Rikors Guramentat bhala DOK. CMC1, kwalunkwe tilwima bejn l-attur noe u G.S.

Specialist Vehicles Ltd ghandha tigi determinata minn Tribunal tal-Arbitragg Internazzjonali;

“2. Illi preliminarjament, u ghal kull *buon fini*, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddetermina liema hi l-Ligi applikabbli, u dan *stante* li l-Artikolu 11.5 tal-istess ftehim jistipula li “*The Contract shall be governed by International laws*”;

“3. Illi preliminarjament, hemm nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn l-eccepjenti u l-attur noe;

“4. Illi l-kuntratt imsemmi mill-attur noe huwa *res inter alios acta*, u certament l-eccepjenti ma kienux parti tal-ftehim imsemmi – ghaldaqstant l-eccipjenti jirrilevaw li *semmai* huma l-konvenuti l-ohra li ghandhom iwiegbu ghat-talbiet attrici;

“5. Illi l-eccepjenti Waterbus International Ltd qatt ma assumiet ebda obbligu li seta’ kellhom il-konvenuti l-ohra versu l-attur noe, wisq anqas l-eccepjenti Stephen Smith personalment;

“6. Illi hija assolutament inveritiera u nfondata l-allegazzjoni attrici li s-socjeta` Waterbus International Ltd giet iffurmata sabiex il-partijiet l-ohra f’din il-kawza jevitaw xi obbligi versu l-attur noe;

“7. Illi l-eccepjenti Stephen Smith m’ghandux, u qatt ma kellu ebda involvement fis-socjeta` G.S. Specialist Vehicles Ltd;

“8. Illi li gara effettivament kien li meta l-finanzjaturi tas-socjeta` G.S. Specialist Vehicles Ltd ippussessaw ruhhom mill-vetturi li kienu proprjeta` tal-istess socjeta` konvenuta GS. Specialist Vehicles Ltd, l-eccepjenti Waterbus International Ltd xtrathom, b’mod legittimu, mill-finanzjaturi sabiex tibda topera fl-istess negozju – dan ma jikomporta b’ebda mod xi forma ta’ assunzjoni ta’ obbligu da parti tal-eccepjenti;

“9. Illi l-eccepjenti m’humiex responsabbli ghall-ebda danni li gew allegatament sofferti mill-attur noe;

“10. Illi ghalhekk l-eccepjenti ma jistghux iwiegbu ghat-talbiet attrici – la qatt kienu obbligati lejn l-attur noe [u allura l-ewwel 3 talbiet ma jistghux japplikaw ghalihom], konsegwentement ma jistghux jigu dikjarati tardivi u lanqas ma huma responsabbli ghall-ebda danni;

“11. Illi l-attur noe ottjenta l-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid fuq vetturi proprjeta` tal-eccepjenti Waterbus International Ltd, liema stat ta’ fatt qieghed jirreka Danni ngenti lill-istess eccepjenti, u li ghalhekk qeghdha tipprevalixxi ruhha mid-dritt tal-kontro-talba;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti Stephen Smith u Waterbus International Ltd li taqra hekk:

“1. Illi l-esponenti Waterbus International Ltd hija socjeta` li tipproduci vetturi tat-tip *amphicoaches;*

“2. Illi l-esponenti Stephen Smith huwa direttur tas-socjeta` Waterbus International Ltd;

“3. Illi l-esponenti m’ghandhom ebda konnessjoni mas-socjeta` G.S. Specialist Vehicles Ltd;

“4. Illi l-esponenti ma kellhom ebda trattattivi ma’ l-attur rikonvenut noe, u lanqas ma assumew ebda obbligi ma’ l-istess;

“5. Illi jidher li nqalghet tilwima bejn l-attur noe u l-konvenuti G.S. Specialist Vehicles Ltd, George Smith u Gladys Smith dwar ftehim li kien hemm bejniethom, li l-esponenti ma humiex midhla taghha;

“6. Illi l-attur noe ntavola, u ottjena l-hrug ta’, Mandat ta’ Qbid fuq vetturi tat-tip *amphicoaches* proprjeta` tas-socjeta` Waterbus International Ltd, u dan ghalkemm

l-istess socjeta` m'ghandhiex x'taqsam mall-partijiet l-ohra f'din il-kawza, u dan bil-valur ta' USD 3,000,000.00;

"7. Illi l-effett tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1884/08 qieghed jikkaguna danni ngenti lill-esponenti kull gurnata li tghaddi;

"8. Illi l-attur rikonvenut noe gie nterpellat permezz ta' protest gudizzjarju sabiex icedi l-Mandat *de quo* fil-konfront taghhom, u nzamm responsabbli ghad-danni, izda madankollu baqa' inadempjenti;

"9. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lill-esponenti;

"10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

"Jghid l-attur rikonvenut noe ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"1) Tiddikjara u tiddeciedi li frott l-agir tal-attur noe l-esponenti qeghdin isofru danni ngenti li ghandu jaghmel tajjeb ghalih l-attur noe;

"2) Tillikwida d-danni kollha sofferti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

"3) Tikkundanna lill-attur noe jhallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid Nru. 1884/08 u tal-Protest Gudizzjarju datat (*sic*) ta' Dicembru 2008, piu` l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv."

Rat ir-risposta guramentata tal-attur nomine (in data 27 ta' Jannar 2009) ghar-rikonvenzjoni tal-konvenuti Stephen Smith u Waterbus International Ltd, li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Ir-rikonvenzjonanti Stephen Smith u Waterbus International Ltd. (C44843) iridu jippruvaw il-legittimita` tat-titolu li huma jallegaw li ghandhom fuq l-

*amphicoaches*, sabiex jistghu jirreklamaw id-danni minghand l-esponenti rikonvenzjonati naxxenti mill-hrug tal-Mandat ta' Qbid. Jirrizulta mir-risposta tar-rikonvenzjonanti ghall-azzjoni promotorja tal-esponenti rikonvenzjonati illi jallegaw illi finanzjaturi Inglizi "*ippussessaw ruhhom*" mill-*amphicoaches* mill-poter ta' G.S. Specialist Vehicles Ltd. (C33195), il-ko-intimati flimkien mar-rikonvenzjonanti f'din il-kawza, u li r-rikonvenzjonanti akkwistaw l-*amphicoaches* minghand dawn il-finanzjaturi Inglizi. Fid-dritt Malti, huwa kuntrarju ghall-ordni pubbliku li kreditur jimpussessa ruhu mill-proprjeta` tad-debitur, u anke f'kaz ta' inadempjenza, hlief fil-kazijiet li tippermetti l-ligi, per ezempju fir-rahan tal-ishma, jew bis-sahha tal-Kap. 459 imsemmija "*Set-off and Netting on Insolvency Act*";

"2. Dan il-kaz m'huwiex wiehed minn dawk ikkontemplati mil-ligi kif suespost, u ghalhekk kull allegazzjoni ta' xi tip approprjazzjoni ta' oggetti sabiex jigi sodisfatt dejn ma jistax jigi konsidrat legittimu ghaliex kuntrarju ghall-ordni pubbliku. Jigi rilevat illi la gew zvelati l-persuna jew persuni tal-finanzjaturi Inglizi, u lanqas ma gie esebit ebda ftehim bejn dawn il-finanzjaturi u r-rikonvenzjonanti;

"3. *Inoltre*, meta l-akkwirent tal-mobbli jkun qed jagixxi *in buona fede*, it-titolu tal-predecessur tieghu huwa rrilevanti. Izda f'dan il-kaz, Stephen Smith huwa *iben* George Smith, azzjonista li jikkontrolla lil G.S. Specialist Vehicles Ltd. (C33195), liema kumpanija hija parti fid-dokument CMC1, l-istess Stephen Smith *hadem* fuq l-*amphicoaches* bil-konoxxenza shiha tal-kuntratt mal-esponenti rikonvenzjonati, tant li l-istess Stephen Smith anke *hebb* fizikament ghal rapprezentanti tal-atturi Koreani u saq bil-karozza ghal fuq xi wiehed minnhom, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

"4. Jidher ghalhekk illi Waterbus International Ltd. (C44843) giet kostitwita proprju *bil-hsieb* illi l-familja Smith tqarraq bl-esponenti rikonvenzjonati, u ghalhekk l-esponenti rikonvenzjonati m'ghandhom ibatu ebda danni li

jallegaw li sofrew Stephen Smith, kif ukoll Waterbus International Ltd. (C44843);

“5. Isegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikonvenzjonanti;

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.”

Rat li bi qbil mal-partijiet, il-Prim Awla tal-Qorti Civili trattat u ddecidiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti G.S. Specialist Vehicles Ltd u George u Gladys Smith min-naha ’l wahda, u l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Stephen Smith u Waterbus International Ltd min-naha l-ohra, liema eccezzjoni tolqot il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tisma’ l-kaz fid-dawl ta’ klawsola arbitrali inkorporata fil-ftehim tal-1 ta’ Gunju 2007 bejn is-socjeta` attrici u G.S. Specialist Vehicles Ltd. Fis-sentenza preliminari taghha tad-29 ta’ Settembru 2009 dik il-Qorti ddecidiet il-kwistjoni fis-sens li gej:

“1) Fl-ewwel lok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti G.S. Specialist Vehicles Ltd u ta’ George u Gladys konjugi Smith, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Stephen Smith u Waterbus International Ltd.

“2) Fit-tieni lok, tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma’ u tiddeciedi din il-kawza.

“3) Fit-tielet lok, tordna li l-ispejjes ta’ dan il-provvediment jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.”

“4) Fir-raba’ lok, tiddiferixxi l-kawza ghall-provi tal-attur noe ghall-udjenza tal-10 ta’ Novembru 2009 fl-10:00am.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti G.S. u konjugi Smith min-naha wahda, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Stephen Smith u Waterbus min-naha l-ohra huma identici, huma ta' natura preliminari, jinvolvu kwistjoni ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti u huma bazati t-tnejn fuq il-Klawsola 11.4 tal-kuntratt tal-1 ta' Gunju 2007 (DOK CMC1) (fol. 14) li ghalkemm kien modifikat fit-12 ta' Lulju 2007 dik il-klawsola baqghet veljanti.

"Din il-Qorti tghid mill-ewwel l-aktar b'riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur noe li l-Klawsola 11.4 tal-kuntratt hija "*a choice of jurisdiction clause*" waqt li l-Klawsola 11.5 tal-kuntratt hija "*a choice of law clause*". Iz-zewg paragrafi huma distinti minn xulxin u hekk kellu jkun; ghalhekk ma jistghux jigu trattati flimkien anke ghall-fini ta' argomentazzjoni. Ghax iz-zewg klawsoli ghandhom fini guridiku divers. Ghalhekk id-decizjoni dwar min huwa kompetenti sabiex jiddeciedi t-tilwima mhix relatata mal-ligi li se tkun applikata. Dik hija decizjoni distinta u separata li trid tittiehed mill-"*forum*" li se jisma' l-kaz u *cioe`* kemm jekk se tkun din il-Qorti kemm jekk se jkun Tribunal ta' Arbitragg.

"Il-Klawsola 11.4 tghid hekk –

*""Any dispute arising under or in connection with this Agreement or the Terms shall be referred to arbitration by a single arbitrator appointed by agreement or (in default) nominated on the application of either party to an International Arbitration Centre in accordance with the rules and procedures laid down in the Centre's Arbitration Act in relation to arbitration rules."*

"Skond l-attur noe, saret din il-kawza ghaliex dik il-klawsola hija konfuza u inaffidabbli billi taghmel riferenza ghal *International Arbitration Centre* "*li minnhom hawn mijiet madwar id-dinja*".

"Min-naha taghhom il-konvenuti kollha jaqblu li l-klawsola hija cara bizzejjed u tirrispekkja l-ftehim ta' bejn il-partijiet.

*"<u>In linea generali</u>* l-gurisprudenza tal-Qrati taghna ttrattat klawsoli arbitrali nseriti f'kuntratti ta' xorta differenti kif gej –

"1) "Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet <u>Edwin Vella v. Wilfred Mamo noe</u> tat-13 ta' Ottubru, 1989 inghad li kif huwa *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet. Il-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni kienet tipprovdi li *all differences* kellhom jigu sottomessi ghall-arbitragg. Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. L-attur kien dahal fil-polza flok l-assigurat ta' qablu u ghalhekk kien jispetta lilu jara x'inhuma l-kundizzjonijiet. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali.

"2) Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Mark Laferla v. Sammy Attard</u> deciza mill-Qorti Appell Kummercjali fil-31 ta' Mejju, 1995 inghad li l-ligi trid tassigura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b'arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza. Konsegwentement jekk f'kaz din il-kitba ma saritx, il-kunsens u l-accettazzjoni ma nghatawx validament skond il-ligi. Konsegwentement il-proceduri kollha bl-arbitragg - inkluz il-*lodo* stess - ma jistghux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant.

"3) Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Dr. Renato Cefai nomine v. Valletta Freight Services Limited</u> deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (PA/GCD) fit-30 ta' Marzu 2001 inghad li klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jigu rispettati u dan anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom gurisdizzjoni konkorrenti.

"4) Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (PA/FS tal-1 ta' Dicembru 2008) fil-kawza fl-ismijiet <u>Christopher Grech v. Joseph Cutajar et</u> inghad li l-Qrati taghna accettaw il-validita` tal-klawsola arbitrali, li

tista' tigi stipulata anke biex l-obligazzjonijiet ezistenti bejn il-kontraenti tigi sottratta mill-gurisdizzjoni tat-Tribunali u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet.

“5) Ghandu pero` jinghad li wara l-emendi ghall-Kap. 12 tal-1995 l-Art. 742(3) gie jaqra hekk – “Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-Qorti bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf fil-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-Qorti li taghti kull ordni jew direttiva.”

“6) Il-portata ta' din id-disposizzjoni kien imfisser fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 George Camilleri v. Hugh P. Zammit noe: “Il-ligi (fl-Artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi … Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kienitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dan billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.”

“7) F'sentenza ohra tat-28 ta' Frar 1997 fil-kawza George Xuereb v. Accountant General et il-Qorti tal-Appell qalet ukoll li: “naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-

Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "*overiding*" li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."

"8) Ara wkoll f'dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet Joseph Micallef et v. Jovin Rausi noe.
"Ikkunsidrat –

"Fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, il-partijiet, kull naha mill-*punto di vista* taghha, argumentaw favur jew kontra l-accettazzjoni tal-klawsola arbitrali.
"Fil-fehma ta' din il-Qorti, iz-zewg nahat naqsu pero` li jittrattaw fatt partikolari li rrizulta f'din il-kawza li jaghmlu differenti kemm fl-argumenti li tressqu kif ukoll fil-gurisprudenza citata. Ghaliex kemm fil-gurisprudenza citata aktar qabel minn din il-Qorti, kif ukoll dik li rreferew ghaliha l-partijiet fl-osservazzjonijiet taghhom, hemm fattur wiehed komuni u *cioe*` li f'dawk il-kawzi l-partijiet kollha kienu kkontrattaw jew accettaw il-klawsola arbitrali u mill-mod kif ressqu l-veduti taghhom, iz-zewg nahat telqu mill-premessa li lkoll kienu kkontrattaw il-klawsola arbitrali. Mentri l-fatti ta' din il-kawza juru xort'ohra.

"Dan qed jinghad ghaliex l-attur noe mposta l-istanza tieghu u talab rimedju minn din il-Qorti kontra l-konvenuti kollha jew min minnhom – kemm dawk li kienu kkontrattaw il-ftehim li kien jinkorpora l-klawsola arbitrali kemm dawk li skond l-attur noe – ghalkemm mhux kontraenti – dahlu bhala garanti kif ukoll kontra dawk li ghalkemm mhux kontraenti hadu fil-pussess taghhom b'titolu (li l-attur noe jikkontesta l-validita` tieghu) l-oggett mertu tal-kuntratt.

"Il-mod kif il-gurisprudenza qieset il-validita` tal-klawsola arbitrali dejjem telqet mill-premessa li dik kienet tirrapprezenta l-volonta` libera tal-partijiet li kkontrattaw il-ftehim li fih kien hemm inkluza l-klawsola arbitrali. Apparti l-mertu tal-kwistjoni jekk il-klawsola arbitrali *de qua* kif redatta taghtix affidament jew tikkostitwix vinkolu, jibqa' l-fatt li konsiderazzjoni ta' dik ix-xorta tista' teffettwa biss il-

kontraenti tal-ftehim DOK CMC1, u *cioe`* l-attur noe u G.S., pero` ma tistax testendi ghall-partijiet l-ohra kollha li ma jirrizultawx li kienu parti fil-kuntratti tal-1 ta' Gunju 2007 u tat-12 ta' Lulju 2007.

"Fi kliem iehor, jekk aktar 'il quddiem, kif qed jippretendi l-attur noe, l-ezekuzzjoni tal-kuntratt ghad tista' tissarraf kontra l-konvenuti l-ohra apparti G.S., ma jistax jinghad l-istess ghall-klawsola arbitrali li kienet kontrattata biss bejn l-attur noe u G.S.

"Din il-Qorti tara wkoll kontradizzjoni cara fil-posizzjoni li hadu l-konvenuti Stephen Smith u Waterbus fil-kuntest tal-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ghaliex, min-naha wahda jinvokaw *per via di eccezione* l-applikazzjoni tal-klawsola arbitrali nserita f'kuntratt li, skond huma, ma kienux parti fih, u fl-istess waqt, iressqu kontrotalba fejn qed jitolbu li din il-Qorti, li skond huma, m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' kawza minhabba l-klawsola arbitrali, ghandha tiddikjara lill-attur noe responsabbli ghal danni fil-konfront taghhom, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-istess attur noe biex ihallashom id-danni likwidati!

"Mela l-kwistjoni kollha realment tissarraf fil-konsiderazzjoni li jekk din il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawza, minhabba l-klawsola arbitrali, ikun ifisser li din il-Qorti tkun qeghda timponi, bla jedd, fuq partijiet f'din il-kawza li ma kienux kontraenti fil-ftehim DOK CMC1 kif modifikat, procedura ta' arbitratt fil-forma fil-ftehim *de quo* billi sahansitra taghti anke direttivi fejn ikun jidhrilha li hemm diffikultajiet ta' attwazzjoni.

"U ladarba anke l-ligi taghna trid li vertenza tinvolvi partijiet diversi, anke b'istanzi kontrastanti, tinstema' minn tribunal wiehed li jkun kompetenti biex jittratta u jiddeciedi dawk l-istanzi, diment li l-element tal-interess rikjest mil-ligi jkun jissussisti ghall-partijiet kollha mill-bidu sal-ahhar, allura din il-Qorti tghid, anke fuq l-iskorta tal-Art. 742(3) tal-Kap. 12, li hija ghandha l-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi din il-kawza *nonostante* l-klawsola arbitrali."

Rat ir-rikors tal-appell ta' G.S. Specialist Vehicles Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"......tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2009 u konsegwentement tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza fil-konfront tas-socjeta` appellanti, u dan bl-ispejjez kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-attur nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, sostna li s-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma;

Rat ir-risposta ta' Waterbus International Ltd u Stephen Smith li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, iddikjaraw li kienu jaqblu mal-appell interpost;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:
Illi f'din il-kawza l-attur nomine qed jitlob l-ezekuzzjoni ta' ftehim li s-socjeta` attrici ffirmat mas-socjeta` konvenuta G.S. Specialist Vehicles Ltd ghall-konsenja ta' hames *amphicoaches*, u qed jitlob ukoll il-hlas tad-danni minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt. Peress li gie allegat li, fl-ezekuzzjoni tal-ftehim, gew involuti l-konvenuti Smith u s-socjeta` Waterbus International Ltd, dawn gew citati wkoll bhala konvenuti fil-kawza. Fil-ftehim li kien sar fl-1 ta' Gunju 2007 il-partijiet kontraenti kienu ftehmu li *"any dispute arising under or in connection with this agreement or the terms shall be referred to arbitration",* u ghalhekk, ghal din il-kawza attrici, il-konvenuti kollha citati invokaw din il-klawsola biex jsostnu li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma' l-kaz. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li qieset li involuti fil-kwistjoni kien hemm terzi li ma kienux marbuta bil-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-1 ta' Gunju 2007, u li,

kwindi ma kienux qablu li jirreferu kwalunkwe disputa ghall-arbitragg. In vista ta' dan, kompliet tosserva l-ewwel Qorti, ikun jaqbel li hi tkompli tisma' u tiddeciedi fuq il-kaz kollu, nonostante l-klawsola arbitrali li torbot uhud mill-partijiet fil-kawza.

Is-socjeta` konvenuta G.S. Specialist Vehicles Ltd resqet appell minn din is-sentenza u ressqet bazikament zewg aggravji: wiehed li l-ewwel Qorti ma kellhiex thassar u tannulla il-ftehim ta' arbitragg, u l-iehor illi, f'kull kaz, l-ewwel Qorti kellha jew tifred il-proceduri u hi tiehu konjizzjoni biss tal-proceduri bejn dawk il-partijiet li ma kienux kontraenti fil-ftehim arbitrali, jew tordna l-assorbiment tal-kwistjoni kollha ghal quddiem l-arbitragg.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li dak li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienx li 'annullat' il-ftehim bejn il-partijiet, izda qalet biss li ma kienx applikabbli ghall-kaz meta fil-kwistjoni li nqalghet hemm involuti terzi. Il-klawsola arbitrali ma gietx imhassra u ghad tista' tigi invokata f'kaz li jinqala tilwim bejn il-partijiet kontraenti, pero`, l-istess klawsola ma tistax tigi imposta fuq terzi li ma kienux partijiet ghall-ftehim. Hu dan li qalet l-ewwel Qorti, u bl-ebda mod ma ddecidiet li thassar u tannulla ftehim milhuq bejn partijiet.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, is-socjeta` appellanti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza tal-Istati Uniti tal-Amerika li, f'sitwazzjonijiet simili, hija favur *piecemeal litigation*. Din il-Qorti tghid minghajr ebda ezistazzjoni li hi ma taqbilx ma' dan il-mod kif isiru l-kawzi, u, anke biex jigi evitat duplicita` ta' smigh ta' xhieda u produzzjoni ta' provi, kwistjoni m'ghandhiex tigi spezzata biex tinstema' minn diversi tribunali. Jekk kwistjoni tkun hekk komplessa li tinvolvi kwistjonijiet u/jew persuni li jaqghu, separatament, li jkunu trattati u decizi minn diversi tribunali, fin-nuqqas ta' provvediment legali li jipprovdi mod iehor, dik il-Qorti b'gurisdizzjoni generali ghandha tiehu konjizzjoni u tiddeciedi fuq il-kwistjoni kollha.

Hekk, kien isir, per ezempju, meta fiz-zmien il-kompetenza ta' Qorti ta' Kummerc, meta l-konvenuti jkunu

aktar minn wiehed, wiehed kummercjant u l-iehor le, il-Qorti kompetenti kienet dik b'kompetenza generali, u cioe`, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (ara perezempju, il-kaz **Borg D'Anastasi v. De Cesare**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April 1989). Din il-Qorti ma tarax li s-soluzzjoni ta' *"piecemeal litigation"* hija wahda favorevoli ghall-partijiet u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Is-soluzzjoni l-ohra, li testendi l-applikazzjoni ta' ftehim arbitrali ghall-partijiet li ma kienux kontraenti, tidher li giet adottata fi Franza u fl-Svizzera fis-sens li gej, u dan kif raportat fir-rikors tal-appell:

*"Swiss case law – the law applicable in the present case – has already acknowledged the possibility of extending the arbitration agreement to non signatories, in spite of the fact that the written form is one of the requirements for the validity of the arbitration agreement pursuant to Article 178 Private International Law Act. Such an extension can occur in cases of assignment, or transfer of a debt. It has also been admitted that, in particular cases, the requirement of form can be satisfied by the conduct of the parties involved. For example, when the third party has interfered in the performance of the contract including the arbitration agreement, its conduct allows to conclude, on the basis of conclusive factual evidence, that such a party intended to accept the arbitration agreement (DTF 134 III 565, par. 3.2 and quotes)" (§8.4).*

(ara kaz 4A-376/2008 deciza mill-Qrati Zvizzeri)

Dwar din l-esposizzjoni tad-dritt esteru, din il-Qorti ghandha zewg kummenti x'taghmel. L-ewwel nett, anke fis-sistema lokali, ftehim ta' arbitragg irid jirrizulta bil-miktub, u din il-Qorti fil-kawza **Laferla v. Attard**, deciza fil-31 ta' Mejju 1995, kienet osservat li l-ligi trid tassigura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b'arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza. Fid-dawl ta' dan ma jidhirx li hu accettabbli li ftehim ghall-arbitragg jista' jigi dezunt minn kondotta jew cirkostanzi.

Jekk l-iskop tal-kitba hu biex jigi evitat ‘incertezza’, ikun kontro produttiv li wiehed jaccetta li hemm arbitragg *per impliciter*. Wiehed irid jiftakar ukoll li taht il-konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, hemm *“a right of access to a court”*, u dan id-dritt ma jistax jitqies rinunzjat jekk mhux b’espressjoni cara u preciza tal-parti.

Inoltre, u fit-tieni lok, fl-isfond tal-ordinament guridiku Malti li jorbot il-kunsens mal-volonta` ta’ dak li jkun, ma tistax tigi dezunta adezjoni ghal xi ftehim jekk ma tigix murija l-intenzjoni ghal dak il-ghan. Kunsens hlief fejn il-ligi tirrikjedi l-espressjoni formali tieghu, jista’ jkun tacitu, pero`, il-komportament li jwassal ghall-prova tal-kunsens irid ikun tali li juri l-volonta` preciza ta’ dak li jkun li jaccetta bidla ghal-posizzjoni guridika tieghu. Hekk, ir-rinunzja tista’ tkun tacita, izda din trid tirrizulta mhux biss minn komportament fis-sens indikat izda l-istess komportamet irid jimmanifesta l-intenzjoni li t-titolar tad-dritt irid jirrinunzja ghall-istess. Ir-rinunzji, qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Scerri v. Cutajar**, deciza fis-16 ta’ Marzu 2005 huma *di stretto diritto* “u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzjant.” Hekk ukoll intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Baldacchino et v. Pace**, deciza fl-24 ta’ Novembru 2004 u b’riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri illi:

*“Hi del resto enuncjazzjoni ben assodanti illi “rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista’ tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta’ atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjat l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu” (Kollez. Vol. XXXIV P II p646;* ***Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri nomine****, Appell Civili 18 ta’ Marzu 1977).”*

(ara wkoll **Gauci v. MCL Ltd**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-20 ta’ Ottubru 2003 u **Sammut et v. Azzopardi**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Novembru 1993).

Issa, f'dan il-kaz, ma hawn xejn li jwassal lil din il-Qorti tifhem li l-konvenuti l-ohra kellhom l-intenzjoni jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jkollhom access ghal Qorti f'kaz ta' tilwima. Arbitragg huwa fl-assenza tieghu dipendenti fuq il-kunsens reciproku, u dan il-kunsens, kif trid il-ligi, irid jinghata b'mod formali bil-kitba, u kwalunkwe rinunzja ghal dan – jekk hu possibli – irid jirrizulta car b'mod li ma jhalli ebda dubju f'mohh il-gudikant. F'dan il-kaz dan ma jirrizultax.

Kif inghad, hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili li ghandha gurisdizzjoni generali li tisma' kull tilwima li tinqala bejn diversi persuni (art. 32(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), u sakemm din il-gurisdizzjoni ma titnehhix b'ligi *ad hoc* jew bi ftehim car u preciz, hija ghandha tisma' l-kwistjoni mressqa ghall-konsiderazzjoni taghha fil-komplessita` kollha taghha.

Dan kollu qed jinghad peress li, filwaqt li l-konvenuti l-ohra, mhux partijiet fuq il-ftehim tal-arbitragg, eccepew in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, bl-ebda mod ma ddikjaraw li qed jaderixxu formalment ghall-ftehim ta' arbitragg. Kif gia` gie osservat, ftehim ta' arbitragg ghandu jirrizulta bil-miktub, izda, min-naha l-ohra, ghall-validita` ta' ftehim, l-adezjoni tal-partijiet mhux mehtieg li tkun kontestwali. F'dan il-kaz, pero`, tali adezjoni ma tirrizultax. F'kaz, pero` li l-konvenuti l-ohra kollha, anke f'dan l-istadju, cioe`, qabel l-ismiegh tal-provi mill-Qorti, jiddikjaraw formalment li qed jaderixxu ghall-ftehim bil-kundizzjonijiet kollha tieghu, inkluz dak ta' arbitragg, allura l-materja tkun trid terga' tigi kunsidrata fid-dawl ta' dik l-adezjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta G.S. Specialist Vehicles Ltd billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu mis-socjeta` appellanti G.S. Specialist Vehicles Ltd.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------